# "LEWWET U AGĦĠEN"



Is-Sur Guido Lanfranco

Billi Ħal Qormi jissemma ħafna fl-istorja tal-ħobż, naħseb li dak li se nikteb għandu jkun ta' nteress għall-Qriema. Ix-xjuħ tagħna għandhom mnejn iħossu li jkun żejjed jekk jien nikteb dwar il-ħobż għall-Qriema, iżda l-affarijiet tbiddlu sewwa, u ż-żgħażagħ ma naħsibx li jafu b'dak kollu li sar qabel biex evolva ix-xogħol tal-ħobż. Minbarra dan, il-produzzjoni u t-tqassim tal-ħobż mhux kullimkien kien l-istess.

Fl-imgħoddi kien hemm bosta djar kbar li kellhom il-forn tal-ġebel, u wkoll postijiet fejn jagħġnu il-ħobż u jaħżnuh. Ukoll madwar iż-żmien ta' l-aħħar gwerra dinjija, mhux bilfors li konna nixtru il-ħobż kuljum; il-ħobż kien jinbiegħ fit-troq minn kaxxi u karrettuni apposta, u kien jintiżen skond il-bżonn. Xi ħobżiet kienu kbar ħafna, u minħabba f'hekk kienu jdumu friski aktar, għaliex meta naqtgħu l-ewwel kisra, il-kumplament, ħlief l-iskorċa mikxufa, kien jibqa artab għal xi jiem. Min kien jagħmel il-ħobż hu, kien iqegħdu fuq xi xkaffa mgħotti sewwa, u jservi għal ġimgħa.

Dawk li ma kienux jaħmu l-ħobż id-dar tagħhom, kienu jew jixtruh lest minn għand tal-karrettun jew tal-fron, jew inkella jagħġnuh huma u jaħmihulhom tal-forn. Minbarra hekk, kien hemm fran f'xi rħula, li jibagħtu lil xi ħadd jiġbor l-għaġina mid-djar, jeħodha l-forn għall-ħami, u wara jerġa' jqassam lura il-ħobż lest.

Hawnhekk naslu f'biċċa interessanti dwar il-ġbir u t-tqassim tal-ħobż wara l-ħami. Kif qaltli waħda sinjura minn familja antika fiż-Żurrieq, kien ikun hemm ġurnata fil-ġimgħa jew tnejn, meta isir il-ħobż. filgħodu kmieni f'din l-għodwa, f'xi t-tlieta u nofs jew l-erbgħa ta' filgħodu, kien jiġi it-tifel tal-forn, iħabbat mal-bibien tal-parruċċani, filwaqt li jgħajjtilhom: "Ħobż! Lewwet u agħġen!" jiġifieri ħallat id-dqid mal-ħmira, u ibda agħġen il-ħobż....u jibqa sejjer. Wara xi siegħa jew aktar it-tifel kien jerġa jitfaċċa, din id-darba jgħidilhom: "Qatta! Qatta!" biex l-għaġina li jkunu ħallew toqgħod titqatta bċejjeċ biex kull waħda ssir ħobża. Wara ftit jerġa' jiġi jdurhom u jgħidilhom "Sewwi! Sewwi!" Din tfisser li għandhom jerġgħu jieħdu l-ħbejżiet li qattgħu waħda waħda, u jerġgħu irembluhom ftit ieħor, biex meta jinħmew ma jispiċċawx bit-toqob kbar ħafna. Minnufih wara li jispiċċa d-dawra kien imur iġib il-karrettun u jibda jiġbor il-ħbejżiet biex jeħodhom għand tal-forn.

Billi kien ikun hemm diversi familji fl-istess ħin li jinġabrilhom il-ħobż, kemm tal-fron, kif ukoll huma għandhom jagħrfuhom meta jaslu lura lesti, għalhekk kull familja kienu jwaħħlu biċċa għaġina fuq il-ħobża, li kien ikolla forma ta' l-ittra ta' kunjomhom jew xi sinjal ieħor li jingħaraf minn ta' ħaddieħor. Dan il-ħobż kien iservihom sakemm jerġa' jiġi darb'oħra jgħidilhom "Lewwet u agħġen!"....

F'diversi rħula, l-aktar f'dawk l-antiki il-fran li kienu jagħmlu il-ħobż kien ikollhom jagħġnu ħafna għaġina. Mhux kemm tgħid li tagħġen, għax malajr tgħajjik. Saħansitra kien hemm x'uħud li minflok

ikompli f'paġna 79

jużaw idejhom għal dax-xogħol ta' l-għaġna, kienu jużaw saqajhom, bħal dawk li kienu jagħsru l-għeneb għall-inbid! Dan il-mod mhux wisq iġeniku, u l-gvern kellu joħroġ direttivi biex ħobż għall-bejgħ jew konsum pubbliku m'għandux jintagħġen bis-saqajn!
L-ifran li kellhom jagħġnu ħafna għaġina, kellhom makkinarju apposta, u fost l-oħrajn, dawk li naf bihom jien f'Ħal Tarxien u f'Ħal Qormi, kienu jużaw bħal kaxxa tawwalija (qisha l-urna l-kbira li fiha jħawdu l-boċċi tal-lotterija nazzjonali!) ta' l-injam, u ġewwa kellha makkinarju bħal tal-'mixer' li jdur fuq l-għaġina u jqallibha; iżda l-enerġija ma kienetx elettrika; kienu ikun hemm xi bagħal jew żiemel, bħal dak tas-sienja jew tal-mitħna tal-miexi, idur, idur, mgħammed biex ma jistordix....u l-għaġina tintagħġen....
Il-ħobż, fi żmieni, qatt ma kien jinħela, mhux biss għax kien hemm faqar kullimkien, bħalma kienu artijiet oħrajn fid-dinja, iżda l-ħobż fostna, bħala nsara, kellu simboliżmu mal-Ewkaristija, għalhekk, ukoll jekk insibu biċċa ħobż barra, konna niġbruha biex ma tintrifisx, imbusuha u mwarrbuha fuq xi ħoġor ta' tieqa jew f'xi rokna. Kien hemm min joħroġ bl-ixkora jiġbor bċejjeċ tal-ħobż għall-annimali. Ħobż li kien jibqa id-dar u jinxef, kien jixxarrab u jinħadem f'pudina mħawwra tal-ħobż. Biċċiet nexfin konna wkoll nitħnuhom bil-magna tal-kafe' biex isiru qishom smid, u kienu jitħaltu f'xi minestra jew isiru panura. Bħal bosta nies oħrajn, konna nagħmlu sinjal tas-salib bis-sikkina fuq il-ħobża qabel ma ntuha l-ewwel qasma, u ukoll inbusuha.
Il-ħobż dejjem hemm bżonnu, iżda l-istorja warajha dejjem tinbidel, u nbidlet ukoll it-togħma tiegħu, għax il-proċessi huma mekkanizzati, u r-riċetti aktar varjati.....




KLABB SOĊJALI

TAĊ-ĊAĊĊU
(Prop. Victor Camilleri - Ċaċċu)

GĦAL ATMOSFERA FAMILJARI BIL-BAR FORNUT B'KOLLOX
DRINKS ĠENWINI U APPETIZERS KONTINWAMENT
TEL: 491591

*The Unique One in Qormi*

FRENDO

PHOTOGRAPHICS

106, TRIQ IL-KBIRA - QORMI

TEL. No . ĦANUT: 495377
GĦAL KULL XOGĦOL TA' FOTOGRAFIJA U VIDEO
SERVIZZ TA' KWALITA' DEJJEM GARANTIT

IT-TLIETA U L-ĦAMIS FILGĦODU MA NIFTĦUX